

**Dispożittiv**

Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar it-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado de Primera Instancia n° 4 de Castelló de la Plana (il-Qorti tal-Ewwel Istanza Nru 4 ta' Castelló de la Plana, Spanja), permezz ta' deċiżjoni tas-7 ta' Mejju 2021.

(<sup>1</sup>) ĠU C 382, 20.9.2021.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba'Awla) tal-24 ta' Novembru 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Cour de cassation – il-Belġju) – Tilman SA vs Unilever Supply Chain Company AG**

(Kawża C-358/21) (<sup>1</sup>)

*(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam ċivili – Ġurisdizzjoni u eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet fil-qasam ċivili u kummerċjali – Konvenzjoni ta' Lugano II – Klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni – Kundizzjonijiet formali – Klawżola li tinsab fil-kundizzjonijiet ġenerali – Kundizzjonijiet ġenerali li jistgħu jiġu kkonsultati u stampati minn hypertext link imsemmija f'kuntratt konkluż bil-miktub – Kunsens tal-partijiet)*

(2023/C 24/13)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Qorti tar-rinviju**

Cour de cassation

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Tilman SA

Konvenut: Unilever Supply Chain Company AG

**Dispożittiv**

L-Artikolu 23(1) u (2) tal-Konvenzjoni dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, iffirmata fit-30 ta' Ottubru 2007, li l-konklużjoni tagħha ġiet approvata fisem il-Komunità Ewropea permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/430/KE tas-27 ta' Novembru 2008,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni hija konkluż b'mod validu meta din tinstab f'kundizzjonijiet ġenerali li għalihom jaqsmel riferiment il-kuntratt konkluż bil-miktub billi jsemmi l-hypertext link ta' sit internet li l-aċċess għalih jippermetti, qabel l-iffirmar tal-imsemmi kuntratt, li l-imsemmija kundizzjonijiet ġenerali jsiru magħrufa, jitniżżlu u jiġu stampati, mingħajr ma l-parti li fil-konfront tagħha qiegħda tiġi invokata din il-klawżola ma tkun ġiet formalment mistiedna taċċetta dawn il-kundizzjonijiet ġenerali billi timmarka kaxxa fuq l-imsemmi sit internet.

(<sup>1</sup>) ĠU C 338, 23.08.2021.